MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2010

Numru. 453/2010

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef u Sp Jesmond Micallef)
vs
Raymond Gatt, iben Joseph, imwieled Pieta' fid-19 ta' Frar, 1985, Karta ta' l-Identita numru 200185(M)
u
Andrea Skotadis, iben Silvia, imwieled l-Greċja fil-15 ta' April, 1991, Karta ta' l-Identita numru 158204(L)
u
Dylan Attard, iben Joseph, imwieled Pieta' fid-29 ta' Marzu, 1993, Karta ta' l-Identita numru 154393(M)
u
Kyle Galea, iben John, imwieled Pieta' fis-6 ta' Settembru, 1992, Karta ta' l-Identita numru 422892(M)
u
Christian Ciantar, iben Carmelo, imwieled Pieta' fid-29 ta' Ġunju, 1992, Karta ta' l-Identita numru 317392(M)
u

Ryan Ciantar, iben Raymond, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Frar, 1994, Karta ta’ l-Identita numru 67294(M)
u
Colin Ciangura, iben Andrew, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Diċembru, 1994, Karta ta’ l-Identita numru 538194(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati illi b’diversi atti magħmula minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
Lil Andrea Skotadis, Dylan Attard, Ryan Ciantar u Colin Ciangura, waħedhom
talli fil-21 ta’ April, 2010 għal ħabta tat-8.30 p.m., ġewwa l-Gżira –
1. assoċjaw ruħhom ma xi persuna jew persuni f’Malta bil-għan li jagħmlu delitt li għalih hem mil-piena tal-priġunerija, liema delitt ma jagax taħt l-Att dwar l-Istampa;
2. ikkaġunaw ofiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ James Stewart Murray-Curtis u dan skont ma ċċertifika Dr. Paul Scarrow M.D. mill-Isptar Mater Dei;
3. ġabu ruħhom b’mod li taw fastidju lill-persuni u cioe’ lil James Stewart Murray-Curtis u lil Trisha Mercieca u b’mod li kienu jafu jew kien imisshom jkunu jafu li dan kien ta fastidju għal dawn il-persuni;
4. l-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil ħaddieħor u cioe’ lil James Stewart Murray-Curtis u lil Trisha Mercieca, biża’ li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ tagħhom u aktar liema fastidju jinkludi qtajja jew billi dejqu lil diversi persuni;
5. illi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.
Lil Raymond Gatt, Andrea Skotadis u Ryan Ciantar, waħedhom
talli fil-25 ta’ April, 2010 f’dawn il-Gżejjer u cioe’ ġewwa x-Xatt ta’ tas-Sliema –
1. ikkaġunaw offiża ta’ natura ħafifa fuq persuni ta’ nazzjonalita’ barranija u cioe’ taljana;
2. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;

3. ħebbew kontra persuni sabiex jinġurjawhom, jdejqu jew jagħmlu ħsara lill-persuni jew lil ħaddieħor;
4. għamlu nġurja u heddew lill-persuni jew jekk kienu provokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Lil Raymond Gatt, Andrea Skotadis, Dylan Attard, Kyle Galea, Christian Ciantar u Ryan Ciantar, waħedhom
talli fis-26 ta' April, 2010 għal ħabta tal-10.30 p.m. fi Triq it-Torri, Sliema –

1. assoċjaw ruħhom ma xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt li għalih hem mil-piena ta' priġunerija, u liema delitt ma jaqax taħt l-Att dwar l-Istampa;
2. ġabu ruħhom b'mod li taw fastidju lill-persuni oħra u b'mod li kienu jafu jew kien imisshom jkunu jafu li dan kien ta fastidju għal dawn il-persuni;
3. bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom u aktar liema fastidju jikludi qtajja jew billi dejqu lil diversi persuni;
4. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. ħebbew kontra persuni sabiex jinġurjaw, idejqu, jew jagħmlu ħsara lill-persuni jew lil ħaddieħor;
6. għamlu nġurja u theddid lill-persuni jew jekk ipprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Lil Raymond Gatt, Andrea Skotadis, Dylan Attard u Ryan Ciantar, waħedhom
Talli fis-26 ta' April, 2010 għal ħabta tal-11.30 p.m. fi Triq ix-Xatt, Sliema –

1. assoċjaw ruħhom ma xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt li għalih hem mil-piena ta' priġunerija, u liema delitt ma jaqax taħt l-Att dwar l-Istampa;
2. ġabu ruġhom b'mod li taw fastidju lill-persuni oħra u b'mod li kienu jafu jew kien imisshom jkunu jafu illi dan kien ta' fastidju għal dawn il-persuni;
3. bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom u aktar liema fastidju jinkludi qtajja jew billi dejqu lil diversi persuni;

4. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. talli ħebbew kontra persuni sabiex jinġurjaw, idejqu jew jagħmlu ħsara lill-persuni jew lil ħaddieħor;
6. għamlu nġurja u theddid lill-persuni jew jekk kienu provokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
7. ikkaġunaw offiża ta' natura ħafifa fuq persuni u cioe' Marsel Shpani ta' nazzjonalita' taljana.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lil **Raymond Gatt** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 221(1), 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.
Issib lil **Andrea Skotadis** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 221(1), 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.
Issib lil **Dylan Attard** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 221(1), 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja. Rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ ta' Probation Order għal żmien tlett snin mil-lum.
Issib lil **Kyle Galea** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. . Rat l-artikoli 48A, 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-

artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.
Issib lil **Christian Ciantar** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.
Issib lil **Ryan Ciantar** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 221(1), 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja. Rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ ta' Probation Order għal żmien tlett snin mil-lum.
Issib lil **Colin Ciangura** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 48A, 221(1), 251A(1)(a)(b), 251B(1), 251Ċ, 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja. Rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ ta' Probation Order għal żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------